MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 473/2011

**Salvino Debono, Anthony Debono u Carmen Debono**

**-vs-**

**Anthony Testa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond bin-numru 183 Triq ix-Xatt, Gżira.

Illi l-intimat jiddetjeni l-pussess tal-istess fond mingħajr ebda dritt u titolu ta' xejn fuqu.

Illi r-rikorrent ma jridux lill-intimat aktar fl-imsemmi fond u mitlub jirrilaxxjah lura lir-rikorrenti, l-intimat irrifjuta li

jagħmel dan avolja ġie mitlub jagħmel hekk kemm verbalment kif ukoll bil-miktub.

Illi għalhekk fl-opinjoni tar-rikorrenti, l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talbiet tar-rikorrenti u għalhekk il-kawża tista' tiġi deċiża *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi Ċivili.

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

(1) taqta' u tiddeċiedi l-kawża *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u ċjoe' bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża;

(2) tiddikjara illi l-intimat qed jiddetjeni l-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u konsegwentement;

(3) tordna lill-intimat sabiex jivvaka l-fond *de quo* u jikkonsenja ċ-ċwievet relattivi lura bil-pussess vakanti tal-imsemmi fond lir-rikorrenti fi żmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti – kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti senjatament dik għad-danni u kumpens sakemm fattwalment il-pussess tal-proprjeta' tirriverti lura lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn iss jibqa' inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas li jattendi għas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2011;

Semgħet lill-attur Salvino Debono;

Rat illi fil-verbal tas-seduta msemmija tat-28 ta' Ottubru 2011 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba attriċi ma hijiex kontestata u tirriżulta;

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kollha u għall-fini tal-istess talbiet tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż tal-kawża ikunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------